MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 1856/1997/1

**Felix Micallef**

**Vs**

**Neville Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' Lm150.00,0 (mija u hamsin liri maltin) rapprezentanti l-ammont ta' danni ikkagunati mill-konvenut fit-23 ta' Novembru 1996 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura tal-konvenut Van Transit bin-numru ta' registrazzoni B-0370, fil-vettura tal-attur, Capri bin-numru ta' registrazzoni H-9889, li kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tal-konvenut fi Triq il-Klin, Zabbar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Frar, 1997 u tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Lulju, 1997 u bl-imghax legali mid-9 ta' Lulju, 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut u li biha eccepixxa (fol 5 tal-istess atti)-:

1. Fl-ewwel lok illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta kontra l-attur bl-ispejjes kontra tieghu stante illi mhux minnu illi sehh l-incident allegat fl-avviz, u l-konvenut qatt ma kien qed isuq il-vettura indikata fl-avviz u kkaguna hsarat fil-vettura ta' l-attur.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz id-digriet moghti fl-10 ta' Ottubru 1997 (fol 8 u 9).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, minhabba l-fatti in esami, jkun opportun li jinghad illi "…. L-obbligi tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan qed jinghad, billi jigi citat l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba in–natura tal-kaz in desamina kif ser jidher mis-segwenti.

Illi, in rigward dak li ghadu kemm gie premess, trattasi ta' kawza civili, il-provi ta' fatt trid tkun fuq basi ta' probabbilita ossija, fil-qasir u b'mod semplici "aktars iva milli le".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Rose Micallef</u>, omm l-attur spjegat (fol 12 u fol 62 et seq ibid) illi meta gara l-incident in esami ghall-habta tas-7.30p.m., hi kienet tinsab fir-residenza taghha specifikatament quddiem is-sink b'tieqa mdaqqsa quddiemha. Hawnhekk hi semghet hoss u ittawlet mill-istess tieqa minn fejn rat li vicin ir-rampa tal-garage taghhom kien hemm parkeggata il-karozza ta' binha l-attur

ossija “Ford Capri” ta’ kulur ahmar. Ma genb din il-karozza kien hemm il-vettura tal-konvenut, misjqua minn dan liema vettura kienet van ta’ kulur abjad fic-celesti. Dwar dan, hi specifikat li “…. Jiena rajt id-daqqa ssehh u mhux biss smajt il-hoss” kif ukoll “Jiena lil Camilleri smajtu, filfatt, jistartja il-van tieghu” u “… il-karozza tat-tifel ticcaqlaq” bid-daqqa. Meta rat hekk hi harget barra izda rat lill-konvenut jsuq l’hemm specifikatament “… iddur il-kantuniera”. Ghalhekk hi sejjhet lill-attur, li kien ukoll fl-istess dar, u marret taghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija wara li kienet marret thabbat mal-bieb tad-dar tal-genituri tal-konvenut, li jirrisjedu wara id-dar taghha u ma kienet sabet lil hadd.

Sussegwentement, matul il-lejl ghall-habta tas-1a.m., hi kienet rat lill-konvenut jipparkegga l-istess van fit-triq mal-hajt tad-dar tal-istess xhud. Meta rat hekk hi harget u esaminat il-van tal-konvenut u kienet innotat “…. Li dan il-van kellu zebgha li kien(et) ghada cappas” ossija “friska” u b’hekk sostniet li matul l-istess lejl, il-konvenut “…. Ha il-van u daru”. Hi ssottolineat li “… taht, fejn hemm hadida, sibt zebgha bhal dik tal-karozza tat-tifel” ossija “… zebgha hamra, wara dik il-hadida mal-bumper….” Ta’ min jghid li l-istess xhud semmiet ukoll li l-van tal-konvenut kien involut, ftit qabel l-incident in esami, f’iehor” u kien ghadu kemm daru” u li ma kienx hemm relazzjonijiet tajbin bejn il-familji rispettivi minhabba kwistjonijiet dwar parkeggar u l-gnien bejn ir-residenzi rispettivi (ara ukoll ghal kull bon fini x-xhieda tal-istess <u>attur</u> a fol 15 tal-istess atti, liema attur, pero’, ma kienx ra l-incident in ezami meta dan gara’).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-istess incident il-<u>konvenut</u> cahad li kien involut f’dan. Difatti meta xehed (fol 46 u fol 47 ibid) hu sostna li fid-data in kwistjoni ghall-habta tas-6p.m., hu kien mar bl-istess van f’Wied il-Ghajn, akkumanjat minn missieru, Henry Camilleri,. Meta kien fi triqtu lejn Wied il-Ghajn, hu kien saq lejn Bormla minn fejn gabar lill-gharusa tieghu Dorianne Busuttil. F’Wied il-Ghajn, hu dam sa madwar is-1a.m. Dwar dan hu qal li qabel ma saq

lejn Bormla, il-van tieghu kien filfatt parkeggat fl-istess triq” qiesu tlett piedi il-boghod” mill-karozza tal-attur li kienet parkeggata “ma genbi fuq in-naha tal-left tieghi”. Sabiex jsuq l’hemm hu kien indjetregga l-van tieghu u kien cert li ma laqatx il-karozza tal-attur waqt li kien qed jaghmel din l-manuvra. Dwar il-van involut, misjuq minnu, hu ddeskrivieh bhala li “ma kienx pinna“ b”diversi daqqiet fuqu” u “… b’hafna sadid’. Difatti, skond il-konvenut, dak in–nhar stess tal-incident in esami, hu kien xkatla s-sadid u kien tah “red oxide”. Ta’ minn isemmi li l-ghada filghodu, hu sab li kien hemm frak ta’ zebgha ta’ kulur orangjo fil-“… parti tal-bumber’ ta’ quddiem fuq in-naha tal-passiggier” tal-van tieghu. Dwar dan hu semma “Oltre dan il-frak ma kien hemm xejn aktar li jaqbel mal-vettura tal-attur) (ara ukoll ix-xhieda tal-imsemmi Henry Camilleri a fol 49 et seq ibid) li, kontrarjament ghal iben l-konvenut xehed li “Fl-ebda hin sabiex johrog mill-parking ma rriversja t-tifel”).

Ikkunsidrat

Illi, rrinfaccjata b’dak kollu premess, din il-Qorti rat jekk hemmx xi prova ohra, li tista’ tigi ritenuta imparzjali u indipendenti mill-partijiet involuta. Ghalhekk Hi analizzat u esaminat ix-xhieda moghtija minn PS 248 Anthony Axiaq (fol 25 et seq ibid) u PS 238 Michael Carter (fol 37 et seq ibid) li esebixxa ukoll kopja tar-rapport dwar l-istess incident. L-ewwel xhud spjega li meta ra l-vettura involuta l-ghada, fil-ghodu tal-incident , hu kien ikkostata li fuq il-van tal-konvenut “… rajt (daqqa li kienet fuq quddiem…” bl-istess van jkollu daqqiet ohra. Inoltre hu kien innota li fuq dan il-van kien hemm zebgha friska tal-istess kulur ta’ din il-vettura. In rigward it-tieni fizzjal tal-Pulizija msemmi, dan qal li kien esamina l-van tal-konvenut u “Ma osservajt l-ebda daqqa fuqu”. Pero kien innota li taht il-fanal ta’ quddiem tax-xellug kien hemm “… zebgha kannella … ghadha mcappsa”. Inoltre kien innota ukoll li “.. mal-bumber ta’ quddiem tal-istess xellug” kien hemm “zebgha hamra li kienet taqbel u tixbah dik tal-Capri tal-attur”.

Ikkunsidrat

Illi a basi ta' dak li xehed l-istess PS238 Michael Carter, kif hawn fuq sotto lineat, kif ukoll wara li l-Qorti nnotatat li l-konvenut u missieru kkontradixxew lill-xulxin meta ddeskrivew kif il-konvenut esegwixxa l-manuvra sabiex jsuq minn ma' gemb il-karozza tal-attur l-istess Qorti tara li fuq basi ta' probabbilta' l-incident sehh skond kif xehdet omm l-attur u li effettivament il-konvenut kien laqat, bil-van uzat u misjuq minnu il-karozza tal-istess attur, liema habta kienet facilment evitabbli billi dan juza d-debita kawtela u l-minimu ta' attenzjoni rikjest minnu fis-sewqan.

Ikkunsidrat

Illi l-ammont ta' danni pretizi (ara fol 17 u fol 18 ibid) ma giex kontestat permezz ta' xi prova da parti tal-konvenut, liema danni, b'mod evidenti, ma jistghux jigu kunsiderati bhala esagerati.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut.

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm150.00,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm150.00,0 bl-imghax legli mid-9 ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Frar 1997 u ta' dik ufficjali tad-9 ta' Lulju 1997.

--------------------------------TMIEM--------------------------------